# REGOLAMENT (UE) Nru 1374/2014 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-28 ta' Novembru 2014

## dwar rekwiżiti ta'rapportar statistiku għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni

## *(BĊE/2014/50)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 fl-Artikolu 2(1) jistipula illi, għat-twettiq tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor tagħrif statistiku fil-limiti tal-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza u ta' dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). Jingħad mill-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li l-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni jagħmlu parti mill-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza għall-finijiet tat-twettiq tar-rekwiżiti ta' rappurtar statistiku tal-BĊE, inter alia, fil-qasam tal-istatistika monetarja u finanzjarja. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 2533 jistipula illi, f'każijiet debitament iġġustifikati, il-BĊE għandu d-dritt jiġbor tagħrif statistiku fuq bażi kkonsolidata. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/93 jeħtieġ illi l-BĊE jispeċifika l-popolazzjoni ta' rapportar attwali fil-limiti tal-popolazzjoni ta' rapportar ta' referenza u jipprovdih bis-setgħa li jeżenta kompletament jew parzjalment klassijiet speċifiċi ta' aġenti tar-rapportar mir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu.

(2) L-iskop tal-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' rapportar statistiku fuq korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni huwa li l-BĊE jingħata statistika adegwata dwar l-attivitajiet finanzjarji tas-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro"), li għandhom jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed. Il-ġbir ta' tagħrif statistiku dwar korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni huwa meħtieġ sabiex jissodisfa ħtiġijiet analitiċi regolari u ad hoc, biex jagħti appoġġ lill-BĊE fit-twettiq ta' analiżi monetarja u finanzjarja, u għall-kontribut tas-SEBĊ għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

(3) Il-BĊNi għandu jkollhom is-setgħa li jiġbru t-tagħrif dwar korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni mingħand il-popolazzjoni attwali tar-rapportar bħala parti minn qafas ta' rapportar statistiku aktar wiesa', sakemm it-twettiq tal-obbligi statistiċi tal-BĊE mhuwiex ippreġudikat. F'każijiet bħal dawn, huwa xieraq illi t-trasparenza tiġi żgurata billi l-aġenti tar-rapportar jiġu informati bl-għanijiet statistiċi varji li għalihom tinġabar id-dejta.

(4) Sabiex jiġi mminimizzat il-piż tar-rapportar fuq il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni, il-BĊNi għandhom ikollhom is-setgħa illi jikkombinaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom taħt dan ir-Regolament mal-obbligi ta' rapportar tagħhom taħt ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2012/24) ([3]).

(5) Hemm konnessjoni mill-qrib bejn id-dejta miġbura minn BĊNi għal finijiet statistiċi taħt dan ir-Regolament u d-dejta miġbura minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) għal finijiet superviżorji taħt il-qafas stabbilit mid-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Minħabba l-mandat ġenerali tal-BĊE skont l-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") biex jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni ma' korpi oħra fil-qasam tal-istatistika, u sabiex

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([2]) ĠU C 427, 28.11.2014, p. 1.
([3]) Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) (ĠU L 305, 1.11.2013, p. 6).
([4]) Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

jillimitaw il-piż amministrattiv u jevitaw d-duplikazzjoni tal-kompiti, il-BĊNi jistgħu jiksbu d-dejta li trid tiġi rrapportata skont dan ir-Regolament minn dejta miġbura taħt id-Direttiva 2009/138/KE, inkluż il-liġi nazzjonali li timplimenta dik id-Direttiva, filwaqt li tikkunsidra debitament it-termini ta' kwalunkwe arranġament ta' kooperazzjoni bejn il-BĊN relevanti u l-NCA relevanti. L-Artikolu 70 tad-Direttiva 2009/138/KE jistipula illi NCAs jistgħu jittrażmettu tagħrif intiż għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dik id-Direttiva lill-BĊNi u korpi oħrajn b'funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji.

(6) Is-sistema Ewropea ta' kontijiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (minn hawn 'il quddiem l-"ESA 2010") teħtieġ li l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' unitajiet istituzzjonali jiġu rrapportati fil-pajjiż ta' residenza. Sabiex jiġi minimizzat il-piż tar-rapportarm jekk il-BĊNi jiksbu dejta li għandha tiġi rrapportata taħt dan ir-Regolament minn dejta miġbura taħt id-Direttiva 2009/138/KE, l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' fergħat ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li l-uffiċċji prinċipali tagħhom huma residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jiġu aggregati ma' dawk tal-uffiċċji prinċipali. Informazzjoni limitata dwar fergħat ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għandha tinġabar għall-finijiet ta' monitoraġġ tad-daqs tagħhom u ta' kwalunkwe devjazzjonijiet mill-ESA 2010.

(7) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw għall-ġbir ta' tagħrif statistiku taħt dan ir-Regolament.

(8) Filwaqt illi huwa rikonoxxut illi regolamenti adottati skont l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-SEBĊ ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligazzjoni fuq l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri li mhumiex fiż- żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ japplika kemm lill-Istati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll lil dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tjirreferi għall-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li hemm obbligu biex jitfasslu u jiġu implimentati f'livell nazzjonali l-miżuri kollha illi l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu xierqa sabiex jinġabar it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊE u jsiru t-tħejjijiet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika sabiex huma jsiru Stati Membri taż-żona tal-euro.

(9) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipula illi l-BĊE għandu l-poter jimponi sanzjonijiet fuq aġenti tar-rappurtar li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti għar-rappurtar tal-istatistika stabbiliti fir-regolamenti jew id-deċiżjonijiet tal-BĊE.

(10) Sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena 2020, il-Kunsill Governattiv għandu jevalwa l-merti u l-kosti ta': (a) żieda fil-kopertura tar-rapportar trimestrali minn 80 % għal 95 % tas-sehem tas-suq totali ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro; (b) ir-rapportar separat ta' assi u obbligazzjonijiet ta' fergħat ta' korporazzjonjonijiet tal-assigurazzjoni fejn il-fergħat huma residenti fi Stati Membri taż-żona tal-euro u l-entitajiet prinċipali ta' dawn il-fergħat huma residenti fiż-ŻEE; u (c) tnaqqis ulterjuri fiż-żmien għat-trażmissjoni ta' dejta minn aġenti tar-rapportar għal erba' ġimgħat, wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni" u "IC" (subsettur 128 tal-ESA 2010) ifissru korporazzjoni finanzjarja jew kważi-korporazzjoni li hija involuta prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta.

([1]) Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

Dawn li ġejjin huma inklużi fid-definizzjoni:

(a) korporazzjoni finanzjarja jew kważi-korporazzjoni li tipprovdi servizzi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, fejn id-detenturi tal-polza jħallsu pagamenti regolari jew ta' darba lil assiguratur li min-naħa tiegħu jiggarantixxi li jħallas lid-detenturi tal-polza somma miftiehma, jew pagament fis-sena, f'data speċifika jew minn qabel;

(b) korporazzjoni finanzjarja jew kważi-korporazzjoni li tipprovdi servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja biex tkopri riskji bħal ma humna, pereżempju, riskji ta' inċidenti, mard, nar jew inadempjenza tal-kreditu;

(c) korporazzjoni finanzjarja jew kważi-korporazzjoni li tipprovdi servizzi ta' riassigurazzjoni, fejn l-assigurazzjoni tinxtara mill-assiguratur biex jipproteġi lilu nnifsu kontra numru għoli mhux mistenni ta' klejms jew ta' klejms eċċezzjonalment kbar.

Dawn li ġejjin ma humiex inklużi fid-definizzjoni:

(a) fondi ta' investiment humna ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/38) ([1]);

(b) korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/40) ([2]);

(c) istituzzjonijiet finanzjarji monetarji huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([3]);

(d) fondi tal-pensjoni kif iddefiniti fil-paragrafu 2.105 tal-ESA 2010.

2. "fergħa" tfisser aġenzija jew fergħa mhux inkorporata, iżda mhux l-uffiċċju prinċipali, ta' korporazzjoni tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

3. "sussidjarja" tfisser entità inkorporata fejn entità oħra jkollha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.

4. "aġenti tar-rapportar" għandha t-tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

5. "residenti" għandha l-istess tifsira kif iddefinita f'Artiklu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jekk entità legali jkun jonqosha dimensjoni fiżika, ir-residenza tagħha għandha tiġi ddeterminata mit-territorju ekonomiku li skont il-liġijiet tiegħu l-entità tkun ġiet inkorporata. Jekk l-entità mhijiex inkorporata, ir-residenza tagħha għandha tiġi ddeterminata mid-domiċilju legali tagħha, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwata tal-entità;

6. "BĊN relevanti" tfisser il-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih hija residenti l-korporazzjoni tal-assigurazzjoni;

7. "NCA relevanti" tfisser l-NCA tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih hija residenti l-korporazzjoni tal-assigurazzjoni;

8. "dejta titolu b'titolu" tfisser dejta mqassma skont titoli individwali;

9. "dejta partita b'partita" tfisser dejta mqassma skont assi jew obbligazzjonijiet individwali;

10. "dejta aggregata" tfisser dejta li ma tkunx tqassmet f'assi jew obbligazzjonijiet individwali;

11. "tranżazzjonijiet finanzjarji" tfisser tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-ħolqien, il-likwidazzjoni jew it-tibdil fis-sjieda ta' assi jew obbligazzjonijiet finanzjarji, kif deskritt aktar f'Parti 4 tal-Anness II;

12. "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju" tirreferi għal bidliet fil-valutazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw jew minn bidiliet fil-prezz ta' assi jew ta' obbligazzjonijit u/jew mill-effett tar-rati tal-kambju fuq il-valuri mfissra f'euro ta' assi u obbligazzjonijiet iddenominati f'valuta barranija, kif deskritti aktar f'Parti 5 tal-Anness II..

*Artikolu 2*

**Popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar**

1. Fejn BĊNi jiġbru dejta skont l-ESA 2010, li teħtieġ li l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' unitajiet istituzzjonali li għandhom jiġu rrapportati fil-pajjiż ta' residenza, il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandha tikkonsisti mill-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni residenti fit-territorju. tal-Istat Membru taż-żona tal-euro relevanti.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-10 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 107).

([3]) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

2. Fejn BĊNi jiksbu dejta li għandha tiġi rrapportata skont dan ir-Regolament minn dejta miġbura skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/138/KE jew ta' liġi nazzjonali li timplimenta dik id-Direttiva, il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandha tikkonsisti minn:

(a) korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni inkorprati u residenti fit-territorju tal-Istat Membru relevanti taż-żona tal-euro, inkluż sussidjarji li l-entitajiet parent tagħhom jinsabu barra minn dak it-territorju;

(b) fergħat ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni speċifikati fil-punt (a) li huma residenti barra t-territorju tal-Istat Membru relevanti taż-żona tal-euro; u

(c) fergħat ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li huma residenti fit-territorju tal-Istat membru relevanti taż-żona tal-euro iżda li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab barra miż-ŻEE.

Fergħat ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li huma residenti fit-territorju ta' Stat Membru taż-żona tal-euro u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fiż-ŻEE ma humiex parti mill-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar.

3. Il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fil-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku kollha sakemm ma tapplikax deroga mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 7.

*Artikolu 3*

**Lista ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għal skopijiet statistiċi**

1. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jistabbilixxi u jżomm, għal skopijiet statistiċi, lista ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li jifformaw il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar skont dan ir-Regolament. Il-lista tista' tkun ibbażata fuq listi ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li preżentement isiru minn awtoritajiet nazzjonali, fejn dawn il-listi huma disponibbli, u supplimentata minn listi oħra ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li huma fid-definizzjoni ta' "korporazzjoni tal-assigurazzjoni" fl-Artikolu 1.

2. Il-BĊN relevanti jista' jitlob lil aġent tar-rapportar speċifikat fl-Artikolu 2(2)(a) biex jipprovdi l-informazzjoni neċessarja dwar il-fergħat tiegħu fejn din l-informazzjoni hija meħtieġa għall-finijiet tal-lista.

3. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u l-aġġornamenti kollha tagħha disponibbli f'forma xierqa, inkluż b'mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba mill-aġenti tar-rapportar ikkonċernati, f'forma fuq karta.

4. Jekk l-aħħar verżjoni elettronika aċċessibbli tal-lista msemmija f'dan l-Artikolu ma tkunx korretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq aġent tar-rapportar li ma jkunx wettaq kif suppost l-obbligi ta' rappurtar tiegħu sal-punt li jkun straħ fuq il-lista mhux korretta in bona fede.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti ta' rapportar statistiku**

1. L-aġenti ta' rappurtar għandhom jipprovdu lill-BĊN relevanti, jew direttament jew permezz tal-NCA relevanti, bis-saħħa ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, u skont l-Annessi I u II:

(a) fuq bażi trimestrali, dejta dwar l-istock ta' tmiem it-trimestru dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' korporazzjoniiet tal-assigurazzjoni, u b'konformità mal-Artikolu 5, aġġustamenti ta' rivalutazzjoni trimestrali jew tranżazzjonijiet finanzjarji, fejn applikabbli;

(b) fuq bażi trimestrali, dejta dwar l-istock ta' tmiem it-trimestru dwar riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, mqassmin skont il-linja tan-negozju;

(c) fuq bażi annwali, dejta dwar l-istock ta' tmiem is-sena dwar riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, mqassmin skont il-linja tan-negozju u ż-żona ġeografika.

2. Minbarra r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, l-aġenti tar-rapportar li huma korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni inkorporati u residenti fit-territorju ta' Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom jipprovdu lill-BĊN relevanti, direttament jew permezz tal-NCA relevanti bis-saħħa ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, informazzjoni dwar primjums miktubin, klejms imġarrba u kummissjonijiet imħallsin. Din l-informazzjoni għandha tingħata fuq bażi annwali skont l-Annessi I u II.

3. Il-BĊNi jistgħu jiksbu d-dejta li trid tiġi rrapportata skont dan ir-Regolament mid-dejta li ġejja li tingħabar taħt il-qafas stabbilit mid-Direttiva 2009/138/KE:

(a) dejta li tinsab f'formoli ta' rapportar kwantitattiv għal rapportar superviżorju, trażmessi lil BĊNi minn NCAs, kemm jekk il-BĊN u l-NCA huma stabbiliti separatament kif ukoll integrati fi ħdan l-istess istituzzjoni, skont it-termini tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali bejn iż-żewġ entitajiet; jew

(b) dejta li tinsab f'formoli ta' rapportar kwantitattiv għal rapportar superviżorju, trażmessi minn aġenti li jirrapportaw direttament u b'mod simultanju lil BĊN u NCA.

Fejn formola ta' rapportar kwantitattiv għal rapportar superviżorju ikun fiha dejta meħtieġa biex jitwettqu r-rekwiżiti ta' rapportar statistiku ta' dan ir-Regolament, il-BĊNi għandhom ikollhom aċċess għall-formola kollha u kwalunkwe formola relatata li tkun meħtieġa għall-finijiet tal-kwalità tad-dejta.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni biex jipprovdu ġbir ċentralizzat mill-NCA relevanti ta' informazzjoni li tindirizza kemm ir-rekwiżiti ta' ġbir ta' dejta taħt il-qafas stabbilit mid-Direttiva 2009/138/KE u r-rekwiżiti addizzjonali ta' ġbir ta' dejta ddefiniti f'dan ir-Regolament, b'konformità mal-liġi nazzjonali u termini ta' referenza armonizzati li jistgħu jiġu ddefiniti mill-BĊE.

4. Il-BĊNi għandhom jinformaw lill-aġenti tar-rapportar bl-iskopijiet varji li għalihom tinġabar id-dejta tagħhom.

*Artikolu 5*

**Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u tranzazzjonijiet finanzjarji**

Informazzjoni dwar aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u tranżazzjonijiet finanzjarji, kif speċifikata aktar fl-Anness I u deskritti fl-Anness II, għandha tinkiseb kif ġej:

(a) l-aġenti tar-rapportar għandhom jirrapportaw id-dejta aggregata dwar aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u/jew tranżazzjonijiet finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet tal-BĊN rilevanti;

(b) Il-BĊNi għandhom jew iġibu approssimazzjonijiet tal-valur ta' tranżazzjonijiet ta' titoli minn dejta titolu b'titolu jew għandhom indirettament jiġbru dejta dwar tranżazzjonijiet bħal dawn mill-aġenti tar-rappotar fuq bażi ta' titolu b'titolu. Il-BĊNi jistgħu jsegwu approċċ simili għal assi li ma humiex titoli meta jkunu qegħdin jiġbru dejta partita b'partita;

(c) għandhom jinkisbu approssimazzjonijiet tal-valur ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li jikkonċernaw riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni miżmumin minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni:

(i) minn aġenti tar-rapportar, skont il-gwida tal-BĊN relevanti fuq il-bażi tal-aqwa prattiċi komuini li jistgħu jiġu definiti fil-livell taż-żona tal-euro; jew

(ii) mill-BĊN relevanti, fuq il-bażi ta' dejta fornita minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni.

*Artikolu 6*

**Regoli tal-kontabilità**

1. Sakemm mhux stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-regoli tal-kontabilità segwiti minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għall-finijiet ta' rapportar taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu dawn stipulati fil-liġi nazzjonali relevanti li timplimenta d-Direttiva 2009/138/KE jew fi kwalunkwe standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li għandhom jiġu segwiti minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni abbażi ta' struzzjonijiet mogħtija minn BĊNi.

2. Minbarra r-rekwiżiti ta' xi regoli ta' kontabilità segwiti minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni skont il-paragrafu 1, depożiti u self miżmumin minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u ddenominati bħala "valur nominali" fit-Tabella 2.1 u fit-Tabella 2.2 tal-Anness I għandhom jiġu rrapportati skont l-ammont tal-kapital pendenti fi tmiem it-trimestru. It-tħassir u tnaqqis fil-valur kif iddeterminat mill-prattiċi ta' kontabilità relevanti għandhom ikunu esklużi minn dan l-ammont.

3. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabilità u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi gross għal finijiet statistiċi.

*Artikolu 7*

**Derogi**

1. Id-derogi jistgħu jingħataw lil korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni żgħar kif ġej:

(a) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'termini ta' sehem tas-suq kif iddefinit fl-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, sakemm il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li jikkontribwixxu għall-karta tal-bilanċ aggregata trimestrali jammontaw għal tal-anqas 80 % tas-sehem tas-suq totali ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro;

(b) il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'termini ta' sehem tas-suq kif iddefinit fl-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2009/138/KE, sakemm il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni li jikkontribwixxu għall-karta tal-bilanċ aggregata trimestrali jammontaw għal tal-anaqas 95 % tas-sehem tas-suq totali ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro;

(c) korporazzjoni tal-assigurazzjoni li ma hijiex meħtieġa tirrapporta xi dejta taħt il-punt (a) u (b) għandha tirrapporta sett ridott ta' informazzjoni, kif iddefinit mill-BĊN relevanti.

(d) Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-twettiq tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (b) ta' kull sena u fi żmien biżżejjed minn qabel sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun meħtieġ, xi deroga b'effett mill-bidu tas-sena kalendarja ta' wara.

2. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-rapportar ta' investimenti f'valuta u depożiti skont il-valur nominali.

Jekk id-dejta miġbura f'livell ogħla ta' aggregazzjoni turi li l-investimenti f'valuta u depożiti minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni residenti jammontaw għal anqas minn 10 % tat-total nazzjonali kkombinat tal-karti tal-bilanċ ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u anqas minn 10 % tal-investimenti totali ta' korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni taż-żona tal-euro f'valuta u depożiti f'termini ta' stokks, il-BĊN relevanti jista' jiddeċiedi li ma jitlobx ir-rapportar ta' investimenti f'valuta u depożiti skont il-valur nominali. Il-BĊN relevanti għandu jinforma lill-aġenti tar-rapportar tiegħu b'deċiżjoni bħal din.

3. Il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu minn deroga u li minnflok jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar statistiku kollha speċifikati fl-Artikolu 4. Jekk korporazzjoni tal-assigurazzjoni tagħmel għażla bħal din, hija għandha tikseb minn qabel il-kunsens tal-BĊN relevanti qabel kull użu sussegwenti tad-deroga.

*Artikolu 8*

**Tempestività**

1. Għas-sena 2016, l-aġenti tar-rapportar għandhom jittrażmettu lill-BĊN relevanti jew lill-NCA relevanti jew lit-tnejn, skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, id-dejta trimestrali meħtieġa, ta' mill-inqas tmien ġimgħat wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu tkun relatata d-dejta. Din id-data ta' skadenza għandha titressaq 'il quddiem b'ġimgħa fis-sena minn hemm 'il quddiem u għandha tkun ħames ġimgħat għal trimestri li jintemmu fl-2019.

2. Għas-sena 2016, l-aġenti tar-rapportar għandhom jittrażmettu lill-BĊN relevanti jew lill-NCA relevanti jew lit-tnejn, skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, id-dejta annwali meħtieġa, ta' mill-inqas 20 ġimgħa wara t-tmiem tas-sena li magħha tkun relatata d-dejta. Din id-data ta' skadenza għandha titressaq 'il quddiem b'ġimgħatejn fis-sena minn hemm 'il quddiem u għandha tkun 14-il ġimgħa għall-2019.

*Artikolu 9*

**Standards minimi u arranġamenti ta' rapportar nazzjonali**

1. L-aġenti tar-rapportat għandhom jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar statistiku b'konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-aġenti li jirrapportaw ll-popolazzjoni attwali li tirrapporta b'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rapportar jipprovdu l-informazzjoni statistika meħtieġa u jippermettu verifikazzjoni preċiża li huma sodisfatti l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni u l-konformità mal-kunċetti u reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 10*

**Fużjonijiet, diviżjonijiet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew riorganizzazzjoni li tista' taffettwa t-twettiq tal-obbligi statistiċi tagħhom, l-aġenti li jirrapportaw ikkonċernati għandhom jinformaw lill-BĊN relevanti, direttament jew permezz tal-NCA relevanti b'mod konformi ma' arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, malli l-intenzjoni li tiġi implimentata l-operazzjoni tkun ġiet ippubblikata u qabel ma tidħol fis-seħħ, bil-proċeduri li huma ppjanati biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew li jiġbru b'mod obbligatorju t-tagħrif li l-aġenti li jirrapportaw huma mitluba jagħtu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jivverifika jew jiġbor b'mod obbligatorju din l-informazzjoni huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta aġent li jirrapporta ma jissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, u l-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 12*

**L-ewwel rapportar**

1. L-ewwel rapportar għandu jibda b'dejta trimestrali għall-ewwel trimestru tal-2016 u dejta annwali għall-2016.

2. Il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1)(b) għandhom jirrapportaw dejta annwali mis-sena ta' referenza 2016. Barra minn hekk, sabiex jikkumpilaw statistika dwar is-sottosettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni sa mill-bidu tal-2016, dawn il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni għandhom jirrapportaw ġabra sħiħa ta' dejta b'mod konformi mal-Artikolu 4(1)(a) għall-ewwel trimestru tal-2016.

*Artikolu 13*

**Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament ghandu jidhol fis-sehh fl-ghoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tieghu f'*Il-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS I*

**REKWIŻITI TA' RAPPURTAR STATISTIKU**

PARTI 1

**Obbligi ġenerali ta' rapportar statistiku**

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tipprovdi ta' mill-inqas l-informazzjoni statistika li ġejja, fuq bażi trimestrali:

   (a) dejta titolu b'titolu għal titoli b'kodiċi ISIN;

   (b) dejta dwar titoli mingħajr kodiċi ISIN jew fuq bażi ta' titolu b'titolu jew inkella fuq bażi aggregata, imqassma skont il-kategoriji tal-istrument/maturità u kontrapartijiet;

   (c) dejta dwar assi u obbligazzjonijiet minbarra titoli jew fuq bażi ta' titolu b'titolu jew inkella fuq bażi aggregata, imqassma skont il-kategoriji tal-istrument/maturità u kontrapartijiet;

2. Id-dejta aggregata għandha tiġi pprovduta f'termini ta' stokks u, skont l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, f'termini ta' jew: (a) rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju; jew (b) tranżazzjonijiet finanzjarji.

3. Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (insurance corporations — ICs) inkorporati u residenti fit-territorju ta' Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom jipprovdu wkoll, fuq bażi annwali, dejta dwar primjums, pretensjonijiet u kummissjonijiet, waqt li jidentifikaw negozju mwettaq b'mod domestiku u permezz ta' fergħat barranin, imqassma skont il-pajjiżi individwali fil-każ ta' pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

4. Id-dejta li għandha tiġi pprovduta lill-BĊN relevanti fuq il-bażi ta' titolu b'titolu hija speċifikata fit-Tabella 2.1 għal titoli b'kodiċi ISIN u fit-Tabella 2.2 għal titoli mingħajr kodiċi ISIN. Ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku trimestrali aggregat għal stokks huma speċifikati fit-Tabelli 1a u 1b u dawk għar-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet jew translazzjonijiet relatati mal-prezz u r-rata tal-kambju huma speċifikati fit-Tabelli 3a u 3b. Ir-rekwiżiti ta' rapportar annwali għal primjums, pretensjonijiet u kummissjonijiet huma speċifikati fit-Tabella 4.

PARTI 2

**Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni**

1. F'dak li jirrigwarda riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni, għar-rekwiażiti ta' rapportar trimestrali elenkati hawn isfel, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jidderivaw approssimazzjonijiet, jekk id-dejta ma tkunx tista' tiġi identifikata b'mod dirett, skont il-gwida tal-BĊN relevanti, fuq il-bażi tal-aħjar prattiki komuni iddefiniti fil-livell taż-żona tal-euro:

   (a) fir-rigward ta' assi, dejta dwar ir-residenza tal-entità li tipprovdi riassigurazzjoni lill-aġent li jirrapporta li tinżamm bħala riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (assi tar-riassigurazzjoni li jistgħu jiġu rkuprati);

   (b) fir-rigward tal-obbligazzjonijiet, dejta dwar:

      (i) ir-residenza tad-detenturi ta' riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni (fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja separatament) ipprovduta mill-ICs residenti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri taż-żona tal-euro");

      (ii) intitolamenti tal-pensjoni, b'referenza għal pjanijiet tal-pensjoni okkupazzjonali (imqassma skont il-kontribuzzjoni ddefinita, benefiċċju ddefinit u skemi ibridi);

      (iii) transazzjonijiet finanzjarji u/jew aġġustamenti ta' rivalutazzjoni għal kull rendikont meħtieġ, kif muri fit-Tabelli 3a u 3b.

2. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu wkoll li jidderivaw l-informazzjoni meħtieġa minn dejta li jqisu li hija meħtieġa li jitolbu mingħand l-aġenti li jirraportaw għall-finijiet ta' din il-Parti.

PARTI 3

**Tabelli ta' rappurtar**

*Tabella 1a*

**Stokks trimestrali**

| | Total | Żona tal-euro | | | Il-bqija tad-dinja | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Total | Stati Membri li ma jipparteċipawx (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Kontropartijiet ewlenin barra mill-Unjoni Ewropea (informazzjoni pajjiż b'pajjiż għall-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, Ħong Kong, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti) |
| **ASSI (F)** | | | | | | | |
| 1. **Munita u depożiti (ESA 2010: F.21 + F.22 + F.29) — valur ġust** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | **SOMMA** | | |
| Sa sena (li jifdal sal-maturità) | **SOMMA** | | | | | | |
| Aktar minn sena (li jifdal sal-maturità) | **SOMMA** | | | | | | |
| 1x. **Munita u depożiti li minnhom depożiti trasferibbli (F.22)** | **SOMMA** | | | | | | |
| 1. **Munita u depożiti (ESA 2010: F.21 + F.22 + F.29) — valur nominali** | **SOMMA** | | **SOMMA** | | | | |
| 2. **Titoli ta' dejn (ESA 2010: F.3)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | |
| maħruġa minn MFIs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn GG | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn ICs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn PFs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| **sa sena (maturità oriġinali)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |

| | Total | Żona tal-euro | | | Il-bqija tad-dinja | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Total | Stati Membri li ma jipparteċipawx (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Kontropartijiet ewlenin barra mill-Unjoni Ewropea (informazzjoni pajjiż b'pajjiż għall-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, Ħong Kong, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti) |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Bejn sena u sentejn (maturità oriġinali)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Aktar minn sentejn (maturità oriġinali)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Sa sena (li jifdal sal-maturità)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |

| | Total | Żona tal-euro | | | Il-bqija tad-dinja | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi | Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Total | Stati Membri li ma jipparteċipawx (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Kontropartijiet ewlenin barra mill-Unjoni Ewropea (informazzjoni pajjiż b'pajjiż għall-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, Ħong Kong, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti) |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Bejn sena u sentejn (li jifdal sal-maturità)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Bejn sentejn u ħames snin (li jifdal sal-maturità)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |
| maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| **Aktar minn ħames snin (li jifdal sal-maturità)** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| maħruġa minn MFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn GG | | | | | | | |
| maħruġa minn OFIs | | | | | | | |
| maħruġa minn ICs | | | | | | | |

| | | Total | Żona tal-euro: Domestiċi | Żona tal-euro: Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi | Żona tal-euro: Stati Membri taż-żona tal-euro minbarra domestiċi (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Il-bqija tad-dinja: Total | Il-bqija tad-dinja: Stati Membri li ma jipparteċipawx (informazzjoni pajjiż b'pajjiż) | Il-bqija tad-dinja: Kontropartijiet ewlenin barra mill-Unjoni Ewropea (informazzjoni pajjiż b'pajjiż għall-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, Ħong Kong, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | maħruġa minn PFs | | | | | | | |
| | maħruġa minn NFCs | | | | | | | |
| | maħruġa minn HHs u NPISHs | | | | | | | |
| 3. | **Self (ESA 2010: F.4) — valur ġust** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | **SOMMA** | | |
| | **maturità oriġinali sa sena — valur ġust** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| | lil MFIs | | | | | | | |
| | lil GG | | | | | | | |
| | lil IFs | | | | | | | |
| | lil OFIs | | | | | | | |
| | lil ICs | | | | | | | |
| | lil PFs | | | | | | | |
| | lil NFCs | | | | | | | |
| | lil HHs u NPISHs | | | | | | | |
| | **maturità oriġinali bejn sena u ħames snin — valur ġust** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| | lil MFIs | | | | | | | |
| | lil GG | | | | | | | |
| | lil IFs | | | | | | | |
| | lil OFIs | | | | | | | |
| | lil ICs | | | | | | | |
| | lil PFs | | | | | | | |
| | lil NFCs | | | | | | | |
| | lil HHs u NPISHs | | | | | | | |
| | **maturità oriġinali aktar minn ħames snin — valur ġust** | **SOMMA** | **SOMMA** | **SOMMA** | | | | |
| | lil MFIs | | | | | | | |

| 1.1 Depożiti trasferibbli | Depożiti trasferibbli huma depożiti li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu ħlasijiet lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta' mezzi ta' ħlas użati normalment, bħal trasferiment ta' kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu, tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Depożiti li jistgħu jintużaw biss għal ġbid ta' flus, u/jew depożiti li minnhom jistgħu jinġibdu jew jiġu ttrasferiti flus permezz ta' kont ieħor tal-istess sid, m'għandhomx jiddaħħlu bħala depożiti trasferibbli. |
| 2. Titoli ta' dejn | Investimenti f'titoli ta dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala prova ta' dejn, normalment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji. Dawn jistgħu jiġu paċuti wkoll fuq is-suq u ma jagħtu ebda dritt ta' proprjetà lid-detentur kontra l-istituzzjoni ta-ħruġ.<br>Din il-kategorija ta' strumenti tinkludi:<br>— investimenti f'titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data jew dati speċifiċi, jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ, |

| Kategoriji ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| | — self li jkunu saru negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self innegozjati, sakemm ikun hemm prova ta' kummerċ f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-ass finanzjarju, bħal dik ipprovduta minn bid-offer spreads. Meta dawn il-kriterji ma jkunux sodisfatti, is-self għandu jkun ikklassifikat taħt il-kategorija ta' strumenti 3 "Self" (ara wkoll "self innegozjat" taħt l-istess kategorija),<br>— debitu subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn (ara ukoll "debitu subordinat fil-forma ta' depożiti jew self" fil-kategorija 3 "Self").<br>Titoli mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma jiġux irreġistrati fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju) meta jkun hemm impenn sod li tinqeleb l-operazzjoni, u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Meta l-akkwirent temporanju ibiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jitniżżel bħala transazzjoni ċara f'titoli u mdaħħla fil-karta tal-bilanċ tal-akkwirent temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli. |
| 3. Self | Għall-finijiet tal-iskema ta' rapportar, din il-kategorija tikkonsisti f'fondi mislufa minn ICs lil mutwatarji, jew self akkwistati minn ICs, li tagħhom ikun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew inkella ma jkunx hemm prova b'dokumenti.<br>L-oġġetti li ġejjin huma inklużi:<br>— investimenti f'titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli: investimenti f'titoli ta' dejn li mhumiex negozjalli u li ma jistgħux jiġu nnegozjati u ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji,<br>— self innegozjati: self li *de facto* jkunu saru negozjabbli għandhom jiġu kklassifikati taħt il-partita ta' assi "self" kemm-il darba ma jkun hemm ebda evidenza ta' negozjar f'suq sekondarju. Inkella jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn (kategorija ta' strumenti 2),<br>— dejn subordinat fil-forma ta' self: strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu pretensjoni sussidjarja kontra l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew sodisfatti l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla, biex b'hekk jingħatawlhom xi wħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għal finijiet ta' statistika, dejn subordinat għandu jiġi kklassifikat bħala "self" jew bħala "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument finanzjarju. Meta investimenti ta' IC f'kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati attwalment bħala ċifra unika għal skopijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt il-partita tal-assi "titoli ta' dejn", fuq il-bażi li debitu subordinat huwa kkostitwit b'mod predominanti fil-forma ta' titoli, aktar milli self,<br>— pretensjonijiet taħt retroriakkwisti jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus kontanti; kontroparti ta' flus imħallsa bi skambju għal tito9li mixtrija minn aġenti li jirrapportaw bi prezz partikolari taħt impenn fiss li jinbiegħu mill-ġdid l-istess titoli jew titoli simili bi prezz fiss f'data futura speċifikata, jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus.<br>Din il-kategorija teskludi assi fil-forma ta' depożiti li jsiru minn ICs (li huma inklużi fil-kategorija 1). |
| 3.1 Garanziji ta' depożitu b'rabta ma' negozju ta' riassigurazzjoni | Depożiti li jsiru minn korporazzjonijiet ta' riassigurazzjoni bħala kolateral għal ICs li jaġixxu bħala korporazzjonijiet ċessjonarji fi transazzjonijiet ta' riassigurazzjoni. |
| 4. Ekwità | Assi finanzjarji li jirrappreżentaw drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważikorporazzjonijiet. Tali assi finanzjarji ġeneralment jagħtu dritt lid-detenturi għal sehem fil-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet, u għal sehem fl-assi netti tagħhom f'każ ta' likwidazzjoni.<br>Din il-kategorija tinkludi ishma elenkati u mhux elenkati u ekwità oħra.<br>Titoli ta' ekwità mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid, jiġu ttrattati b'mod konformi mal-kategorija 2 "Titoli ta' dejn". |

| Kategoriji ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 4.1 Ishma kkwotati | It-titoli ta' ekwità kkwotati f'borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati jissejħu wkoll "ishma kkwotati fil-borża". |
| 4.2 Ishma mhux ikkwotati | L-ishma mhux ikkwotati huma titoli ta' ekwità mhux ikkwotati f'Borża. |
| 4.3. Ekwità oħra | Ekwità oħra tinkludi kull forma ta' ekwità minbarra ishma elenkati u ishma mhux elenkati. |
| 5. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment | Din il-kategorija tinkludi investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn fondi tas-suq monetarju (MMFs) u fondi ta' investiment li mhumiex MMF (jiġifieri fondi ta' investiment apparti MMFs) inklużi fil-listi tal-BĊE ta' IFM u fondi ta' investiment (FI) għal finijiet ta' statistika. |
| 5.1 Ishma/unitajiet ta' MMF | Investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn MMFs kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). |
| 5.2 Ishma/unitajiet mhux ta' MMF | Investimenti f'ishma jew unitajiet maħruġa minn FI apparti MMFs kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). |
| 6. Derivattivi finanzjarji | Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji li huma marbuta ma' strument finanzjarju, indikatur jew kommoditā speċifikati, li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji *per se*.<br>Din il-kategorija tinkludi:<br>— options,<br>— warrants,<br>— futures,<br>— forwards,<br>— swaps,<br>— derivattivi tal-kreditu.<br>Id-derivattivi finanzjarji huma rreġistrati bil-valur tas-suq fuq il-karta tal-bilanċ fuq bażi grossa. Kuntratti individwali ta' derivattivi b'valuri tas-suq pożittivi għandhom jitniżżlu fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, u l-kuntratti b'valuri tas-suq negattivi fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ.<br>Rabtiet futuri gross li joħorġu minn kuntratti ta' derivattivi m'għandhomx jiddaħħlu bħala partiti ta' fuq il-karta tal-bilanċ.<br>Din il-kategorija ma tinkludix derivattivi finanzjarji li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ skont ir-regoli nazzjonali. |
| 7. Riservi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja | Pretensjonijiet finanzjarji ta' ICs kontra korporazzjonijiet tar-riassigurazzjoni ibbażati fuq poloz tar-riassigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja. |
| 8. Assi mhux finanzjarji | Assi tanġibbli jew intanġibbli minbarra assi finanzjarji.<br>Din il-kategorija tinkludi residenzi, binjiet u strutturi oħrajn, makkinarju u tagħmir, oġġetti prezzjużi, prodotti tal-proprjetà intellettwali bħal programmi tal-kompjuter u databases. |

| Kategoriji ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 9. Assi li jifdal | Din hija l-kategorija residwa fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "assi mhux inklużi x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li jiġu rrapportati subpożizzjonijiet speċifiċi inklużi taħt din il-kategorija. Attiv li jifdal jista' jinkludi:<br>— dividendi riċevibbli,<br>— imgħax akkumulat riċevibbli,<br>— pretensjonijiet ta' riassigurazzjoni riċevibbli,<br>— ammonti riċevibbli li mhumiex relatati man-negozju prinċipali tal-IC. |

OBBLIGAZZJONIJIET

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 10. Titoli ta' dejn maħruġin | Titoli maħruġa mill-IC, minbarra ekwità, li huma strumenti normalment negozjabbli u nnegozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda drittijiet ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni emittenti. |
| 11. Self irċevut | Ammonti dovuti lil kredituri mill-IC, minbarra dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' titoli negozzjabbli. Din il-kategorija tikkonsisti f'dawn li ġejjin:<br>— self: self mogħtija lill-ICs li tagħhom ikun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew li tagħhom ma jkunx hemm prova permezz ta' dokumenti,<br>— riakkwisti u operazzjonijiet tat-tip ta' riakkwisti kontra kollaterali fi flus kontanti: kontroparti ta' flus irċevuti bi skambju għal titoli mibjugħa mill-IC bi prezz miftiehem taħt rabta soda biex l-istess titoli (jew simili) jerġgħu jinxtraw bi prezz fiss f'data speċifikata aktar 'il quddiem. Ammonti rċevuti mill-IC bi skambju għal titoli ttrasferiti lil parti terza (l-"akkwirent temporanju") għandhom jiġu kklassifikati hawnhekk meta jkun hemm rabta soda biex jinqaleb l-operat u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Dan jimplika li l-IC iżomm ir-riskji u l-benefiċċji kollha tat-titoli sottostanti matul l-operat,<br>— kollaterali fi flus kontanti riċevuti fi skambju għal self ta' titoli: ammonti rċevuti bi skambju għal titoli ittrasferiti temporanjament lil parti terza fil-forma ta' self ta' titoli kontra kollateral fi flus,<br>— kollateral fi flus riċevuti f'operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral. |
| 11.1 Garanziji ta' depożitu b'rabta ma' negozju ta' riassigurazzjoni | Depożiti riċevuti minn korporazzjonijiet ċessjonarji bħala kollateral minn korporazzjonijiet ta' riassigurazzjoni. |
| 12. Ekwità | Ara l-kategorija 4 |
| 12.1 Ishma kkwotati | Ara l-kategorija 4.1 |
| 12.2 Ishma mhux ikkwotati | Ara l-kategorija 4.2 |
| 12.3. Ekwità oħra | Ara l-kategorija 4.3 |
| 13. Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tagħha. |
| 13.1 Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni tal-ħajja | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tagħha fuq il-ħajja. |

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 13.1.1 li minnhom riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' Unità | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tagħha fuq il-ħajja marbuta ma' unità. Il-klejms futuri tad-detentur ta' polza taħt kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' unità jiddependu fuq il-prestazzjoni ta' pool ta' assi li fihom ikunu investiti l-fondi tad-detentur tal-polza. |
| 13.1.2 li minnhom riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mhux marbuta ma' unità | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tagħha fuq il-ħajja mhux marbuta ma' unità. Il-klejms futuri ta' detentur ta' polza taħt kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il- ħajja mhux marbuta ma' unità ma jiddependux fuq il-prestazzjoni ta' xi pool ta' assi ddefinit. |
| 13.1.3 li minnhom intitolamenti għall-pensjoni | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms futuri tal-iskemi tal- pensjoni tagħha. Din il-kategorija tirreferi biss għal pjanijiet tal-pensjoni okkupazzjonali. Pjanijiet tal-pensjoni individwali li ma humiex marbuta ma' relazzjoni ta' impjieg ma jaqgħux taħt din il-kategorija. |
| 13.1.3.1 Intitolamenti għall-pensjoni li minnhom Skemi ta' kontribuzzjoni ddefiniti | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tal-iskema ta' kontribuzzjoni ddefinita tagħha.<br>Fi skema ta' kontribuzzjoni ddefinita, il-benefiċċji mħallsa jiddependu mir-rendiment tal-assi akkwistati mill-iskema tal-pensjoni. Il-passiv ta' skema b'kontribuzzjoni definita hu l-valur tas-suq attwali tal-assi tal-fond. |
| 13.1.3.2 Intitolamenti għall-pensjoni li minnhom Skemi ta' benefiċċju ddefiniti | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tal-iskema ta' benefiċċju ddefinita tagħha.<br>Fi skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit, il-livell tal-benefiċċji tal-pensjoni mwiegħda lil impjegati parteċipanti jiġi determinat b'formola miftiehma minn qabel. Il-passiv ta' skema tal-pensjoni ta' benefiċċju definit ikun daqs il-valur preżenti tal-benefiċċji mwiegħda. |
| 13.1.3.3 Intitolamenti għall-pensjoni li minnhom Skemi ibridi | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tal-iskemi tagħha li jikkombinaw elementi ta' kontribuzzjoni ddefinita u skemi ta' benefiċċji ddefiniti. |
| 13.2 Riżervi tekniċi tal-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja | L-ammont ta' kapital li l-IC iżżomm sabiex tissodisfa l-klejms tal-assigurazzjoni futuri tad-detenturi tal-poloz tagħha mhux fuq il-ħajja. |
| 13.2.1 Assigurazzjoni għall-ispejjeż mediċi | Obbligi ta' assigurazzjoni għall-ispejjeż mediċi fejn in-negozju sottostanti ma jkunx segwit fuq bażi teknika simili bħal dik tal-assigurazzjoni fuq il- ħajja, minbarra l-obbligi inklużi fil-linja tan-negozju 13.2.3. |
| 13.2.2 Assigurazzjoni għall-protezzjoni tad-dħul | Obbligi ta' assigurazzjoni għall-protezzjoni tad-dħul fejn in-negozju sottostanti ma jkunx segwit fuq bażi teknika simili bħal dik tal-assigurazzjoni fuq il- ħajja, minbarra l-obbligi inklużi fil-linja tan-negozju 13.2.3. |
| 13.2.3 Assigurazzjoni għall-kumpens tal-ħaddiema | Obbligi ta' assigurazzjoni tas-saħħa relatati ma' inċidenti fuq ix-xogħol, korriment industrijali u mard okkupazzjonali u fejn in-negozju sottostanti ma jkunx segwit fuq bażi teknika simili bħal dik tal-assigurazzjoni fuq il- ħajja. |

| Kategorija ta' strumenti | Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin |
|---|---|
| 13.2.4 Assigurazzjoni għal responsabbiltà għal vetturi bil-mutur | Obbligi ta' assigurazjoni li jkopru kull responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur li joperaw fuq l-art (inkluża r-responsabbiltà tat-trasportatur). |
| 13.2.5 Assigurazzjoni oħra fuq vetturi | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru kull ħsara lil jew telf ta' vetturi ta' fuq l-art (inklużi vetturi ferrovjarji). |
| 13.2.6 Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru kull ħsara jew telf lil inġenji tal-baħar, tal-lagi, tax-xmajjar u tal-kanali, inġenji tal-ajru, u ħsara lil jew telf ta' merkanzija fi tranżitu jew bagalji irrispettivament mill-forma tat-trasport. Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-użu ta' inġenji tal-ajru, vapuri, inġenji tal-baħar jew dgħajjes fuq il-baħar, lagi, xmajjar jew kanali (inkluża r-responsabbiltà tat-trasportatur). |
| 13.2.7 Assigurazzjoni għal nirien u ħsarat oħrajn lill-proprjetà | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru kull ħsara lil jew telf ta' proprjetà, minbarra dawk inklużi fil-linji tan-negozju 13.2.5 u 13.2.6, minħabba nar, splużjoni, forzi naturali inklużi tempesti, borra jew silġ, enerġija nukleari, ċediment tal-art u kwalunkwe avveniment bħal serq. |
| 13.2.8 Assigurazzjoni għal responsabbiltà ġenerali | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru responsabbiltajiet minbarra dawk fil-linji ta' negoszju 13.2.4 u 13.2.6. |
| 13.2.9 Assigurazzjoni ta' kreditu u ta' garanzija | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru insolvenza, kreditu tal-esportazzjoni, kreditu fuq ħlas bin-nifs, ipoteki, kreditu agrikolu u garanziji diretti u indiretti. |
| 13.2.10 Assigurazzjoni għal spejjeż legali | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru spejjeż legali u l-ispejjeż tal-litigazzjoni |
| 13.2.11 Assistenza | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru assistenza għal persuni li jiltaqgħu ma' diffikultajiet waqt li jkunu qegħdin jivvjaġġaw, waqt li jkunu 'l bogħod mid-dar u waqt li jkunu 'l bogħod mir-residenza normali tagħhom. |
| 13.2.12 Telf finanzjarju mixxellanju | Obbligi ta' assigurazzjoni li jkopru riskju tal-impjieg, dħul insuffiċjenti, temp ħażin, telf ta' benefiċċju, spejjeż ġenerali kontinwi, spejjeż ta' negozjar mhux previsti, telf ta' valur fis-suq, telf ta' kera jew dħul, telf indirett minn negozjar minbarra dawk imsemmija hawn fuq, telf ieħor (mhux tan-negozju) kif ukoll kull riskju ieħor ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja li ma jkunx koperta bil-linji ta' negozju 13.2.1 sa 13.2.11. |
| 13.2.13 Riassigurazzjoni | Obbligi ta' riassigurazzjoni |
| 14. Derivattivi finanzjarji | Ara l-kategorija 6 |
| 15. Obbligazzjonijiet li jifdal | Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "obbligazzjonijiet mhux inklużi x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li jiġu rrapportati sub-pożizzjonijiet speċifiċi inklużi taħt din il-kategorija. Obbligazzjonijiet li jifdal jistgħu jinkludu:<br>— ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali tal-IC, jiġifieri ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ.<br>— dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw responsabbiltajiet kontra partijiet terzi, jiġifieri pensjonijiet, dividendi, eċċ.<br>— pożizzjonijiet netti li joħorġu mis-self ta' titoli mhux garantiti bi flus kontanti,<br>— ammonti netti pagabbli fir-rigward tar-regolament futur ta' transazzjonijiet f'titoli. |

PARTI 2

**Deskrizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu**

*Tabella B*

**Deskrizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu**

| Qasam | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-titolu | Kodiċi li tidentifika titolu b'mod uniku, soġġett għall-istruzzjonijiet tal-BĊN (eż. in-numru ta' identifikazzjoni tal-BĊN, CUSIP, SEDOL). |
| Numru ta' unitajiet jew ammont nominali aggregat | Numru ta' unitajiet ta' titolu, jew ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet, eskluż imgħax akkumulat. |
| Prezz | Prezz tas-suq għal kull unità ta' titolu, jew perċentwal tal-ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll li l-imgħax akkumulat ikun irrapportat taħt din il-pożizzjoni. |
| Quotation basis (Bażi ta' kwotazzjoni) | Jindika kif inhu kkwotat it-titolu, bħala perċentwali jew f'unitajiet |
| Ammont totali | Valur tas-suq totali ta' titolu Fil-każ ta' titoli li huma nnegozjati f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs in-numru ta' titoli multiplikat bil-prezz għal kull unità. Meta t-titoli jkunu nnegozjati f'ammonti aktar milli f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs l-ammont nominali aggregat immultiplikat bil-prezz imfisser bħala persentaġġ tal-ammonti nominali.<br>Il-BĊNi jistgħu fil-prinċipju jitolbu li l-imgħax akkumulat ikun irrapportat jew taħt din il-pożizzjoni jew inkella separatament. Madankollu, il-BĊNi jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jitolbu dejta li teskludi imgħax akkumulat. |
| Transazzjonijiet finanzjarji | Is-somma tax-xiri wara li jitnaqqsu l-bejgħ (titoli fuq in-naħa tal-assi) jew l-emissjonijiet wara li jitnaqqsu l-fidjiet (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni f'euro. |
| Titoli mixtrija | Is-somma tax-xiri ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-transazzjoni. |
| Titoli mibjugħa | Is-somma tal-bejgħ ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-transazzjoni. |
| Munita tar-reġistrazzjoni tat-titolu | Kodiċi ISO jew ekwivalenti tal-munita użata biex tfisser il-prezz u/jew l-ammont pendenti tat-titolu. |
| Bidliet oħra fil-volum b'valur nominali | Bidliet oħrajn fil-volum tat-titolu miżmum, bil-valur nominali fil-valuta/unità nominali jew f'euro. |
| Bidliet oħra fil-volum b'valur tas-suq | Bidliet oħrajn fil-volum tat-titolu miżmum, bil-valur tas-suq f'euro. |
| Investiment f'portafoll jew investiment dirett | The function of the investment according to its classification in balance of payment statistics [1]. |
| Pajjiż emittent | Ir-residenza tal-emittent Fil-każ ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment, il-pajjiż emittent jirreferi għall-post fejn il-fond ta' investiment ikun residenti u mhux għar-residenza tal-maniġer tal-fond. |

[1] Linja Gwida BĊE/2011/23 tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

PARTI 3

*Tabella Ċ*

**Deskrizzjonijiet ta' primjums, klejms u kummissjonijiet**

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Primjums kontabbilizzati | Primjums grossi kontabilizzati li jikkonsistu fl-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, irrispettivament mill-fat li dawk l-ammonti jistgħu jkunu relatati totalment jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard. |
| Klejms imġarrba | Somma tal-klejms imħallsa fir-rigward tas-sena finanzjarja u l-provvediment għal klejms għal dik is-sena finanzjarja, wara li jitnaqqas il-provvediment għal klejms għas-sena finanzjarja preċedenti. |
| Kummissjonijiet | Spejjeż tal-akkwist imħallsa minn ICs lil entitajiet oħrajn biex ibiegħu l-prodotti tagħhom. |

PARTI 4

**Deskrizzjonijiet skont is-settur**

L-ESA 2010 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. It-Tabella D tipprovdi deskrizzjonijiet dettaljati ta' dawk is-setturi li l-BĊNi għandhom jittrasponu fil-kategoriji nazzjonali tagħhom skont dan ir-Regolament. Il-kontropartijiet residenti fit-territorji tal-Istati membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'mod konformi mal-listi miżmuma mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal finijiet statistiċi u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduta fil-"Manwal dwar is-Settur tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji u Statistika dwar is-Swieq: Gwida għall-Klassifikazzjoni statistika tal-klijenti" ([1]).

*TABELLA D*

**Deskrizzjonijiet skont is-settur**

| Settur | Deskrizzjonijiet |
|---|---|
| 1. IFM | IFM huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Is-settur tal-IFM jikkonsisti minn BĊNi, istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fil-liġi tal-Unjoni, MMFs, istituzzjonijiet finanzjarji oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex IFM u, f'isimhom stess, tal-anqas f'termini ekonomiċi, biex jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli, u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi. |
| 2. Gvern ġenerali | Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali kollha li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa intiż għall-konsum individwali u kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu nazzjonali u l-ġid (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113) |
| 3. Intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra ICs u fondi tal-pensjonijiet + FI li mhumiex MMF + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus | L-intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra s-subsettur tal-ICs u tal-fondi ta' pensjonijiet (S.125) jikkonsistu fil-korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu obbligazzjonijiet f'forma oħra minbarra valuta, depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), ishma/unitajiet ta' FI, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjonijiet u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali. FVCs kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40) huma inklużi f'dan is-subsettur (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94).<br>FI li mhumiex MMF huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). |

([1]) Marzu 2007, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq https://www.ecb.europa.eu/

| Settur | Deskrizzjonijiet |
|---|---|
| | Is-sottosettur tal-awżiljari finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji. Dan is-subsettur jinkludi wkoll uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew prinċipalment korporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97).<br>Is-sottosettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u tas-selliefa tal- flus (S.127) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u kważi-korporazzjonijiet li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew l-obbligazzjonijiet tagħhom mhumiex innegozjati fi swieq miftuħa. Dan is-subsettur jinkludi kumpaniji holding li jżommu livelli ta' ekwità li jagħtuhom kontroll fuq grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm l-ekwità, jiġifieri, la jamministraw u lanqas ma jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 u 2.99) |
| 4. ICs | ICs huma ddefiniti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. |
| 5. Fondi tal-pensjonijiet | Is-subsettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ippuljar tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjtu waqt l-irtirar, u ħafna drabi benefiċċji mal-mewt u diżabbiltà (ESA 2010, paragrafi 2.105 sa 2.110). Fondi tas-sigurtà soċjali li jaqgħu fi ħdan is-settur tal-gvern ġenerali huma esklużi. |
| 6. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produtturi tas-suq, u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.50). |
| 7. Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi | Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala imprendituri li jipproduċu prodotti għas-suq u jipprovdu servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ma tkunx imwetqa minn entitajiet separati li huma kważi-korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklużivament għal użu finali proprju. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi proprjetarjati uniċi u soċjetajiet mhux inkorporati li mhumiex entitajiet legali indipendenti, minbarra dawk ittrattati bħala kważi-korporazzjonijiet, u li huma produtturi għas-suq (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).<br>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi u li huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew in natura minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragraphs 2.129 u 2.130) |

PARTI 5

**Deskrizzjonijiet ta' transazzjonijiet finanzjarji u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament**

1. "Tranżazzjonijiet finanzjarji" jitkejlu f'termini tad-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokk f'dati ta' rappurtar ta' tmiem il-perijodu, li minnha jitneħħew l-effetti ta' bidliet li jirriżultaw mill-influwenza ta' "aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" (bħala konsegwenza ta' tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju) u mir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Il-BĊE jeħtieġ informazzjoni statistika għall-iskop li jikkumpila dejta dwar tranżazzjonijiet finanzjarji fil-forma ta' aġġustamenti li jinvolvu "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" kif ukoll "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju".

2. “Rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju” tirrifletti bidliet fil-valutazzjoni tal-assi/obbligazzjonijiet li li jirriżultaw jew minn bidliet fil-prezz li bih jiġu rreġistrati jew innegozjati assi/obbligazzjonijiet, jew minn bidliet fir-rata tal-kambju li jaffettwaw il-valuri, espressi f'euro, ta' assi u obbligazzjonijiet iddenominati f'valuta barranija. Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz iqisu l-bidliet li jseħħu tul iż-żmien fil-valur tal-istokks ta' tmiem il-perijodu minħabba bidliet fil-valuri ta' referenza li bihom dawk l-istokks huma rreġistrati, jiġifieri qligħ/telf ta' investiment. Movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jseħħu bejn id-dati tar-rappurtar ta' tmiem il-perijodu jwasslu wkoll għal bidliet fil-valur tal-assi/obbligazzjonijiet meta mfissra f'euro. Billi dawn il-bidliet jirrappreżentaw qligħ/telf ta' investiment u mhumiex dovuti għal tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti għandhom jitneħħew mid-dejta tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. Fil-prinċipju, “rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju” tqis ukoll bidliet fil-valur li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet fl-assi/obbligazzjonijiet, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu, hemm prattiċi nazzjonali differenti f'dan ir-rigward.

*ANNESS III*

**STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI LI TIRRAPPORTA**

Aġenti li jirrapportaw għandhom jilħqu l-livelli minimi li ġejjin sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

   (a) ir-rapportar għandu jkun f'waqtu u fl-iskandenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;

   (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format mill-obbligi ta' rapportar tekniċi stabbiliti mill-BĊN relevanti;

   (c) l-aġent li jirrapporta għandu jagħti d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN relevanti;

   (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' dejta lill-BĊN relevanti jridu jiġu segwiti.

   (e) fil-każ ta' rappurtar titolu b' titolu, jekk il-BĊN rilevanti jitlob dan, l-operaturi li jirrapportaw għandhom jagħtu aktar tagħrif (eż. l-isem tal-emittent, id-data tal-ħruġ) meħtieġ għall-identifikazzjoni ta' titoli li l-kodiċi ta' sikurezza għall-identifikazzjoni tagħhom ikun jew żbaljat jew mhux disponibbli pubblikament.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

   (a) l-informazzjoni statistika għandha tkun korretta: kull limitazzjoni lineari għandha tiġi sodisfatta (eż. is-subtotali għandhom jammontaw għat-totali);

   (b) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jagħtu tagħrif dwar l-iżviluppi implikati mid-dejta mibgħuta;

   (c) it-tagħrif statistiku għandu tkun komplet u m'għandhiex ikollu lakuni kontinwi u strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊN relevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis possibbli;

   (d) l-operaturi li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-approssimazzjoni u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN relevanti għat-trażmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

   (a) it-tagħrif statistiku għandu jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;

   (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-operaturi li jirrapportaw għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;

   (c) l-operaturi li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta mibgħuta meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi preċedenti.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

   Il-politika ta' reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN relevanti għandhom jiġu segwiti. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari jridu jkunu akkumpanjati b'nota spjegattiva.